31994D0432

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI 94/432/KE
tat-30 ta' Mejju 1994
li tniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/23/KEE fir-rigward ta' l-istħarriġ statistiku fuq il-popolazzjoni u l-produzzjoni tal-majjali

(94/432/KE)

IL-KUMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunita Ekonomika Ewropea,

Wara li ikkunsidtat id-Direttiva tal-Kunsill 93/23/KEE ta' l-1 ta' Ġunju 1993 dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jkun imwettaq dwar il-produzzjoni tal-majjali [1], u partikolarment l-Artikoli 1 (3), 2 (2), 3 (2), 6 (1) u (2), 8 (1) u (2) u 10 (3) tagħha,

Billi definizzjonijiet preċiżi huma meħtieġa sabiex ikun imwettaq l-istħarriġ li hemm disposizzjoni dwarhom fid-Direttiva 93/23/KEE; billi dan jeħtieġ id-definizjonijiet ta' l-oqsma agrikoli koperti b'dan l-istħarriġ; billi l-klassijiet tad-daqs tal-merħliet u r-reġjuni li permezz tagħhom l-Istati Membri jħejju r-riżultati ta' l-istħarriġ f'intervalli regolari għandhom ukoll ikunu iddeterminati; billi d-definizzjoni singola tal-piż ta' karkassa huwa meħtieġ għat-tħejjija ta' l-statistika dwar il-biċċerija;

Billi, skond Direttiva 93/23/KEE, l-Istati Membri jistgħu, fuq talba tagħhom, jkunu awtoriżżati li jwettqu l-istħarriġ ta' April u Awissu fir-reġjuni magħżula, fuq il-ftehim li dan l-istħarriġ ikopri mill-anqas 70 % tal-popolazjoni tal-majjali; billi l-Stati Membri li l-popolazjoni tal-majjali tagħhom tagħmel biss persentaġġ żgħir tal-popolazjoni globali tal-Komunità jistgħu, fuq talba tagħhom stess, ikunu wkoll awtoriżżati biex iwarrbu għal kollox l-istħarriġ ta' April u Awissu, jew li jużaw il-qsim reġjonali għar-riżultati finali ta' l-istħarriġ ta' April u Awissu; billi, finalment, l-Istati Membri jistgħu, fuq talba tagħhom stess, ikunu awtoriżżati li jużaw sorsi amministrattivi minflok stħarriġ statistiku biex jiddeterminaw il-popolazjoni tal-qżieqeż u l-qsim preskritt bi klassijiet ta' daqs ta' merħliet għar-riżultati finali ta' snin innumerati biżżewġ u/jew għal dawk ta' xahar partikolari tas-sena;

Billi l-applikazjonijiet kienu saru mill-Istati Membri għal awtoriżazzjoni tat-tipi msemmija hawn fuq;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 76/805/KEE [2], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 91/268/KEE [3], għandha tkun mibdula;

Billi, ġaladarba d-Direttiva 93/23/KEE hija applikabbli mill-1 ta' Jannar 1994, huwa xieraq li jkunu applikati d-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni b'effett mill-istess data;

Billi din id-Deċiżjoni hija bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Istatistika Agrikola,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 2 (2) tad-Direttiva 93/23/KEE, "tenuta agrikola" tfisser xi unità teknika u ekonomika taħt l-amministrazjoni singola li tipproduċi prodotti agrikoli.

2. L-istħarriġ li hemm referenza għalih fl-Artikolu 1 (1) tad-Direttiva 93/23/KEE għandu jkopri:

[1] ĠU Nru L 149, 21. 6. 1993, p. 1.

[2] ĠU Nru L 285, 16. 10. 1976, p. 31.

[3] ĠU Nru L 134, 29. 5. 1991, p. 49.

(a) It-tenuti agrikoli b' arja agrikola utiliżżata ta' ettura wieħed jew aktar;

(b) it-tenuti agrikoli b'arja agrikola utiliżżata ta' anqas minn ettaru wieħed, jekk il-produzzjoni tagħhom hija, sa ċertu punt, intiża għall-bejgħ jew kif ukoll għall-unità produttiva, teċċedi l-limiti naturali.

3. L-Istati Membri li jixtiequ li japplikaw il-limiti differenti ta' l-istħarriġ għandhom, b'danakollu, jintrabtu li jiddeterminaw dak il-limitu b'tali mod illi jkunu biss l-iżgħar tenuti li jkunu esklużi, u li flimkien l-oqsma esklużi jammontaw għal 1 % jew anqas tat-total normali tal-marġini gross, ai termini tat-tifsira tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 85/377/KEE [1], ta' l-Istati Membri ikkonċernati.

Artikolu 2

Is-sub-diviżjonijiet territorjali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/23/KEE huma stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 3

It-tqassim stabbilit fl-Artikolu 8 (1) tad-Direttiva 93/23/KEE huwa mniżżel fl-Anness II.

Artikolu 4

Il-piż tal-karkassa li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 10 (1) tad-Direttiva 93/23/KEE huwa definit f'Anness III.

Artikolu 5

1. Bis-saħħa ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 1 (2) tad-Direttiva 93/23/KEE, l-Istati Membri mniżżla f'punt (a) ta' l-Anness IV huma awtoriżżati li jwettqu l-istħarriġ ta' April u ta' Awissu f'reġjuni magħżula, bil-kundizzjoni li dak l-istħarriġ ikopri mill-anqas 70 % tal-popolazjoni tal-majjali.

2. Bis-saħħa tat-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 1 (2) tad-Direttiva 93/23/KEE, l-Istati Membri mniżżla f'punt (b) ta' l-Anness IV huma awtoriżżati li jwarrbu għal kollox l-istħarriġ ta' April u ta' Awissu.

3. Bis-saħħa tat-tielet sub-paragrafu ta' l-Artikolu 1 (2) ta' Direttiva 93/23/KEE, l-Istati Membri mniżżlin f'punt (ċ) ta' l-Anness IV huma awtoriżżati li jużaw sorsi amministrattivi minflok l-istħarriġ statistiku.

4. Bis-saħħa ta' l-Artikolu 6 (2) tad-Direttiva 93/23/KEE, l-Istati Membri mniżżla f'punt (d) ta' Anness IV huma awtoriżżati li jużaw it-tqassim reġjonali għar-riżultati finali ta' l-istħarriġ ta' April u ta' Awissu.

5. Bis-saħħa ta' l-Artikolu 8 (2) tad-Direttiva 93/23/KEE, l-Istati Membri mniżżla f'punt (e) ta' l-Anness IV huma awtoriżżati li jużaw it-tqassim skond il-klassijiet tad-daqs tal-merħliet għar-riżultati finali tas-snin innumerati biż-żewġ u/jew għal dawk ta' xhar partikolari tas-sena.

Artikolu 6

Id-deċiżjoni 76/805/EC hija mħassra.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni għandha tkun applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 1994.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Mejju 1994.

Għall-Kummissjoni

Henning CHRISTOPHERSEN

Viċi-President

[1] ĠU Nru L 220, 17. 8. 1985, p. 1.

ANNESS I

Sub-diviżjonijiet terrotorjali

Il-Belġju:	Provinċji
Id-Danimarka:	--
Il-Ġermanja:	Bundesländer
Il-Greċja:	Ir-reġjuni tas-Servizz ta' L-Iżvilupp Reġjonali
Spanja:	Galicia Navarra La Rioja Aragón Cataluña Baleares Castilla y León Castilla-La Mancha Comunidad Valenciana Región de Murcia Extremadura Andalucia Comunidades autónomas oħra
Franza:	Picardie Nord-Pas-de-Calais Basse-Normandie Haute-Normandie Pays-de-la-Loire Bretagne Poitou-Charentes Aquitaine Midi-Pyrénées Rhône-Alpes Auvergne Reġjuni oħra
L-Irlanda:	--
L-Italja:	Regioni
Il-Lussemburgu:	--
L-Olanda:	Provinċji
Il-Portugall:	Regiões
Ir-Renju Unit:	Reġjuni normali

ANNESS II

Klassijiet ta' daqs tal-popolazjoni tal-majjali

Categories	Number of pigs/holder	Holder Number	Animal 1 000	Sows ≥ 50 kg/holder	Holder Number	Animal 1 000	Fattening pigs ≥ 50 kg/holder	Holder Number	Animal 1 000
I	1-2			1-2			1-2		
II	3-9 (1-9 (a))			3-4 (1-9 (a))			3-9 (1-9 (a))		
III	10-49			5-9			10-49		
IV	50-99			10-19			50-99		
V	100-99			20-49			100-199		
VI	200-399			50-99			200-399		
VII	400-999			100-199			400-999		
VIII	1 000-1 999			200-499 (≥ 100 (b))			1 000-1 999		
IX	2 000-4 999 (≥ 1 000 (b))			≥ 500			2 000-4 999 ((c)) (≥ 1 000 (b))		
X	≥ 5 000						≥ 5 000		
	Total			Total			Total		

(a) Breakdown optional for NL, DK

(b) Breakdown optional for P, L, GR

(c) Breakdown optional for F

ANNESS III

Definizzjoni ta' piż tal-karkassa

Il-piż tal-karkassa huwa l-piż tal-ġisem kiesah li jkun gie maqtul, jew shiħ jew maqsum min-nofs ma' tul in-nofs tiegħu, wara li jkun svinat u tneħħewlu l-imsaren u wara li jkun tneħħa l-ilsien, il-pil, is-saqajn, il-ġenitalja, ix-xaħam żejjed, il-kliewi u d-dijaframma.

ANNESS IV

(a) **L-Istati Membri awtoriżżati li jwettqu l-istħarriġ ta' April u ta' Awissu f'reġjuni mgħażula**

Franza

L-Italja

(b) **L-Istati Membri li huma awtoriżżati li jwarrbu għal kollox l-istħarriġ ta' April u ta' Awissu**

Il-Greċja

Il-Portugal

Il-Lussemburgu

(c) **L-Istati Membri li huma awtoriżżati li jużaw sorsi amministrattivi minflok stħarriġ statistiku**

April	*Awissu*	*Diċembru*

(d) **L-Istati Membri awtoriżżati biex jiżżaw qsim reġjonali għar-riżultati finali ta' l-istħarriġ ta' April jew ta' Awissu**

f'April	*Awissu*
Olanda	

(e) **L-Istati Membri li huma awtoriżżati li jużaw il-qsim bi klassijiet tad-daqs tal-merħliet għar-riżultati finali ta' snin innumerati biż-żewġ u/jew dawk ta' xhar partikolari tas-sena**

fi snin innumerati biż-żewġ	*għal xhar partikolari tas-sena*
Ġermanja	Danimarka, *Ġunju* L-Olanda, *Mejju*

Dr. Lorna Cachia